MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-20 ta' April, 2022

Appell Inferjuri Numru 24/2021 LM

**Jacqueline Attard (K.I. 339480M)**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('id-Direttur Ġenerali appellant')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mid-**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**, [hawnhekk 'l-appellant'], minn deċiżjoni tal-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], tat-22 ta' Ottubru, 2021 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata']. Permezz tad-deċiżjoni tiegħu, l-Arbitru ddeċieda li r-rikorrenti **Jacqueline Attard (K.I. 339480M)** għandha jedd għall-Għajnuna Medika li applikat għaliha.

**Fatti**

2. Ir-rikorrenti kienet applikat għall-Għajnuna Medika fil-15 t'Ottubru, 2018. Fit-23 ta' Jannar, 2019, ir-rikorrenti ġiet infurmata li l-applikazzjoni tagħha għall-Għajnuna Medika fi flus kienet ġiet rifjutata għaliex id-Direttur Ġenerali intimat ma kienx sodisfatt li hija ma kellhiex kapital li ma jeċċedix l-€14,000. Id-Direttur Ġenerali intimat spjega li huwa kien ġie mgħarraf bil-fatt li r-rikorrenti, li hija mara separata, kienet biegħet id-dar matrimonjali tagħha permezz ta' kuntratt tal-5 ta' Diċembru, 2017, u dan bil-prezz ta' €189,000. Id-Direttur Ġenerali intimat spjega li l-kapital li mess lir-rikorrenti mill-bejgħ ta' din id-dar kien jammonta għal €47,832.49, u r-rikorrenti naqset milli tipprova kif hija kienet qassmet jew nefqet dan l-ammont, b'tali mod li għalhekk id-Direttur Ġenerali intimat ma setax ikun konvint li r-rikorrenti ma kellhiex kapital li jeċċedi l-€14,000 u/jew li hija ma ċaħħditx lilha nnifisha minn flusha sabiex tkun intitolata għall-Għajnuna Medika.

3. Waqt il-proċeduri li saru quddiem l-Arbitru, ir-rikorrenti spjegat li minn €20,000 li hija kienet iddepożitat fil-Bank APS, hija kienet xtrat karozza u ħallset dejn ta' €5,000 kull wieħed lil missierha u lil oħtha. Qalet ukoll li biex hi u r-raġel li kellha kienu xtraw id-dar tagħhom li sussegwentement inbiegħet, huma kellhom jissellfu flus mingħand il-ġenituri tagħhom. Spjegat ukoll li l-ammont ta' €18,000 oħra ntefqu minnha fi ħwejjeġ u oġġetti oħra li kellha bżonn, filwaqt li qalet li hija kellha tieqaf mix-xogħol għaliex kienet marida. Ir-rikorrenti ppreżentat ukoll kopja tal-*istatements* bankarji tagħha bħala prova dwar il-flus li kellha fhiex kienu intefqu.

4. Id-Direttur Ġenerali intimat spjega li huwa kien ser iżomm ferm mad-deċiżjoni oriġinali tiegħu, u dan għaliex lilu rriżultalu li fit-13 t'Awwissu, 2018 ir-rikorrenti kienet fil-pussess ta' żewġ kontijiet bankarji, wieħed fil-Bank of Valletta u l-ieħor fil-bank APS, fejn kellha ddepożitati l-ammonti ta' €12,754.20 u €19,999.67 rispettivament, għal total ta' €32,753.87. L-intimat spjega li kien proprju f'dak ix-xahar li mill-kont tal-APS tar-rikorrenti nġibed l-ammont ta' €19,990, u li din it-transazzjoni saret madwar xahrejn qabel ma r-rikorrenti applikat għall-Għajnuna għal Mard. Id-Direttur Ġenerali intimat staqsa għal liema raġuni l-appellanta qalet li kellha d-dejn ma' missierha u ma' oħtha, meta l-flus kienu ilhom fil-pussess tagħha minn Diċembru tal-2017, iżda imbagħad stenniet sa Awwissu tal-2019 biex ħallset lura dan id-dejn.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

5. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-22 ta' Ottubru, 2021, l-Arbitru ddeċieda dan l-appell b'dan il-mod:

> *"Illi dan huwa appell li wasal għand l-Arbitru nhar it-23 ta' Mejju, 2019 għal deċiżjoni li ngħatat mid-DSS nhar it-23 ta' Mejju, 2019 u li permezz tagħha, l-appellanta ġiet infurmata li t-talba tagħha għall-għajnuna medika ma setgħetx tintlaqa' għax kellha aktar minn €14,000 bħala kapital.*
>
> *Illi fl-ewwel lok id-DSS qed jeċċepixxi t-tardività ta' dan l-appell billi sar ħames xhur wara d-deċiżjoni. Biex tali eċċezzjoni tissussisti d-DSS irid jipprova illi l-appellanta kienet notifikata bid-deċiżjoni u meta din kienet. Fil-fatt fl-appell tagħha, l-appellanta tagħmel referenza għall-fatt li qatt ma kienet irċeviet tali deċiżjoni u saret taf biha biss meta ċċekkjat dwar l-applikazzjoni. Kwindi din l-eċċezzjoni ma tistax tissussisti.*
>
> *Rigward il-mertu jirriżulta li hemm ħafna ineżattezzi fil-verżjonijiet li tat l-appellanta. F'email datata 22 ta' Jannar, 2019 hija tgħid illi tat €20,000 lil oħtha u €3,000 lill-*

*ġenituri. Madanakollu, fis-seduta tat-30 t'Ottubru, 2020 kemm hi u kemm Alfred Scicluna xehdu li tatu €10,000 ta' flus li kien sellifha u li oħtha qatt ma sellfitha flus.*

*Jirriżulta li fil-5 ta' Diċembru, 2017 l-appellanta kienet biegħet id-dar matrimonjali versu l-prezz ta' €189,000 u skont id-DSS, ir-rikavat li kien imiss lill-appellat kien ta' €47,832.49 u hija naqset li tipprovdi irċevuti dwar kif iddisponiet mill-kapital.*

*Ġew preżentati* bank statements *ta' missierha li juru li kien ġibed xi flus li jaqblu mal-modalità ta' kif kien ta lill-appellanta l-flus imsemmija. Ġew preżentati wkoll bank statements li juru li fil-5 ta' Diċembru, 2017 fil-kont bankarju tagħha tal-BOV daħlu €38,823.49 u ċioe sehemha mill-post dakinhar tal-kuntratt. Erbat ijiem wara ġibdet €2,352.91 u €20,001.91, dan tal-aħħar huwa ammont li daħal f'kont APS tagħha.*

*Fit-13 t'Awwissu, 2018 hija ġibdet €19,900 li minnhom tlett ijiem wara xtrat karozza tiswa €9,800 u ħallset lil missierha l-€10,000 li kien baqa'. Filfatt dawn il-flus huma l-istess €20,000 li ġew depożitati kif imsemmi aktar qabel.*

*Fil-kont bankarju tagħha tal-BOV wara li nġibdu l-€20,000 it-tranżazzjonijiet kienu pjuttost normali u ma kienx hemm xi ammont konsiderevoli ta' flus li nġibed f'xi ġurnata partikolari imma aktar kienu preljevi tal-ħajja ta' kuljum.*

*Fil-jum li applikat u ċioe 15 t'Ottubru, 2018 kellha bilanċ ta' €11,995.73 fil-BOV u €9.67 fl-APS.*

*Id-DSS ma kellux din l-informazzjoni għalkemm mir-risposta supplimentari preżentata fid-19 ta' Novembru, 2020, jidher li anki li kieku kellha din l-informazzjoni qabel, id-DSS kien xorta jagħti d-deċiżjoni li ta. Li wieħed isaqsi għala stenniet sa Awwissu 2018 biex tħallas id-dejn ma' missierha ma hijiex mistoqsija rilevanti u ġusta biżżejjed biex abbażi ta' din is-suppożizzjoni li l-appellanta kellha f'moħħha qerq meta ħallset id-dejn ħalli tkun tista' tapplika, ma tilqax it-talba tagħha meta fiż-żmien li applikat hija kienet intitolata.*

*Ta' min ma jinsiex ukoll li l-appellanta kkumbattiet u qed tikkumbatti ma' tumur u wieħed jifhem li forsi meta tkun qed tiġġieled għal ħajtek, tinsa jew ma tagħtix kas li għandek tieħu l-informazzjoni lid-DSS.*

*L-Arbitru meta jqis l-assjem tal-provi huwa konvint illi l-appellanta, irnexxielha tipprova fejn marru l-flus li kellha u kwindi l-appell qed ikun milqugħ."*

**L-Appell**

6. Id-Direttur Ġenerali intimat ressaq l-appell tiegħu mid-deċiżjoni appellata fl-24 ta' Novembru, 2021, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

> *"... jogħġobha tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru fit-22 ta' Ottubru, 2021, u konsegwentement tgħaddi sabiex tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur tat-23 ta' Jannar, 2019. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata."*

7. Fir-rikors tal-appell tiegħu d-Direttur Ġenerali intimat spjega li l-appellata daħħlet applikazzjoni sabiex tibda tirċievi Għajnuna għal Mard fil-15 ta' Ottubru, 2018. Qal li fit-23 ta' Jannar, 2019 huwa nfurmaha li ma kinitx eliġibbli għal din l-għajnuna għaliex huwa ma setax ikun sodisfatt li l-kapital tagħha ma kienx jeċċedi l-€14,000. Spjega li l-appellata ma qablitx ma' din id-deċiżjoni u għalhekk interponiet appell minnha quddiem l-Arbitru permezz ta' ittra tat-23 ta' Mejju, 2019, fejn qalet li l-flus li hija daħħlet mill-bejgħ tad-dar matrimonjali tagħha kienu ntużaw minnha sabiex tħallas id-dejn li kellha ma' missierha u ma' oħtha, filwaqt li ammont żgħir minn dawn il-flus intużaw minnha għall-għajxien ta' kuljum. L-appellant spjega li huwa kien informa lill-Arbitru li l-appellata naqset milli tipprovdi dokumentazzjoni dwar kif hija nefqet il-flus li daħħlet mill-bejgħ tad-dar matrimonjali tagħha, u infurmah ukoll li huwa ma setax ikun konvint li l-kapital tal-appellata ma kienx jeċċedi l-€14,000 u li l-appellata ma kinitx ċaħħdet lilha nnifisha mill-kapital tagħha sabiex tikkwalifika għall-Għajnuna għal Mard. L-appellant qal li mill-provi jirriżulta li l-appellata u l-ex-raġel tagħha kienu xtraw id-dar matrimonjali tagħhom, jiġifieri l-*penthouse* bin-numru 14, Block E, Tarxien Temples Court, Triq Dun Karm Sant, Ħal Tarxien, fit-30 ta' Ġunju, 2017, u din l-istess *penthouse* kienet inbiegħet permezz ta' kuntratt tal-5 ta'

Diċembru, 2017. L-appellant spjega li minn dan il-bejgħ, wara li tħallsu l-ispejjeż kollha marbuta mat-trasferiment, l-appellata u l-ex-raġel tagħha daħħlu s-somma ta' €38,523.49 kull wieħed. L-appellata spjegat lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, permezz ta' *email*, li minn dawn il-flus hija tat €20,000 lil oħtha sabiex tħallasha dak li kienet sellfitha tul is-snin, kif ukoll għaddiet €3,000 lill-ġenituri tagħha wara li dawn ukoll kienu silfuha xi flus. L-appellata spjegat li għalhekk hija kien għad fadlilha madwar €8,000 fil-kont bankarju tagħha. L-appellant qal li lilu jirriżultalu li ċ-ċekk ta' €38,523.49 kien ġie ddepożitat fil-kont bankarju tal-appellata fil-5 ta' Diċembru, 2017, u li erbat ijiem wara, fid-9 ta' Diċembru, 2017, l-appellata ġibdet is-somma ta' €2,352.91 minn dan il-kont, filwaqt li s-somma ta' €20,002.91 ġiet trasferita minn dan il-kont għall-kont li l-appellata għandha mal-bank APS. Mill-i*statement* bankarju pprovdut mill-appellanta, jirriżulta wkoll li tul iż-żmien kienu inġibdu ammonti varji ta' flus minn dan il-kont, u fid-data meta l-appellanta applikat għall-Għajnuna għal Mard, hija kien għad fadlilha €11,995.73 fil-kont tagħha. L-appellant qal li ma jirriżultalu li kien hemm xejn irregolari f'dawn l-ammonti li nġibdu wara d-9 ta' Diċembru, 2017, għaliex min-naħa tiegħu fehem li dawn l-ammonti kienu meħtieġa mill-appellata u bintha sabiex jixtru l-bżonnijiet ta' kuljum. L-appellant kompla jgħid li fit-13 t'Awwissu, 2018, jiġifieri madwar xahrejn qabel l-appellata applikat għall-Għajnuna għal Mard, hija ġibdet is-somma ta' €19,990 mill-kont bankarju tagħha tal-APS, u fis-16 t'Awwissu, 2019, sena u tliet ijiem wara dan l-iżbank, l-appellata xtrat vettura mingħand Ventur Motor Centre bil-prezz ta' €9,800. L-appellant qal li f'waħda mis-seduti li saru quddiem l-Arbitru, l-appellanta spjegat li mill-€20,000 li kienu ġew depożitati fil-kont tagħha mal-APS hija kienet xtrat karozza u ħallset lura d-dejn ta' €5,000 li kellha ma'

missierha u €5,000 dejn li kellha ma' oħtha. L-appellata kienet stqarret li biex hi u l-ex-raġel tagħha xtraw il-post, huma kienu ssellfu flus mingħand il-ġenituri tagħha u mingħand il-ġenituri tal-ex-raġel tagħha, filwaqt li l-bqija tal-flus li daħħlet mill-bejgħ tad-dar matrimonjali intużaw minnha biex inxtraw ħwejjeġ u oġġetti oħra. F'seduta sussegwenti, l-appellata qalet li l-€10,000 hija kienet issellfithom mingħand missierha u mhux mingħand oħtha, u fil-fatt quddiem l-Arbitru xehed missier l-appellata li kkonferma dan, u ta prova tal-iżbank li għamel ta' €7,000 li huwa kien ta lill-appellata, filwaqt li kompla jgħid li l-ammont ta' €3,000 huwa għaddihomlha minn flus li kellu d-dar. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Arbitru, għaliex fil-fehma tiegħu dan naqas milli jagħmel apprezzament tajjeb tal-provi li kellu quddiemu, kif ukoll naqas milli japplika l-liġi b'mod korrett.

8. L-appellant, filwaqt li rrikonoxxa li din il-Qorti m'għandhiex kompetenza li tevalwa l-provi mill-ġdid, qal li bid-deċiżjoni tiegħu l-Arbitru spiċċa ta aktar piż lill-verżjoni tal-fatti li tat l-appellata dwar ħlas lura ta' flus li hija allegatament issellfet, milli l-verżjoni tal-appellant, sabiex b'hekk ġew skartati għal kollox id-dikjarazzjonijiet konfliġġenti li għamlet l-appellata, filwaqt li ma ngħatax piż xieraq liż-żmien meta saru uħud mill-ħlasijiet mill-appellata. L-appellant qal li l-appellata ma kienet kredibbli xejn dwar mingħand min hija kienet allegatament issellfet il-flus, u filwaqt li fl-ewwel verżjoni tagħha hija qalet li hija kienet ħallset €20,000 lil oħtha sabiex troddilha dak li allegatament kienet silfitha tul is-snin, u €3,000 lill-ġenituri tagħha sabiex troddilhom lura dak li allegatament sellfuha, fl-appell tagħha quddiem l-Arbitru l-appellata għal darb'oħra qalet li l-flus intużaw minnha sabiex bihom ħallset lil missierha u lil oħtha. L-appellant kompla

jgħid li madanakollu, waqt is-seduta tas-6 ta' Marzu, 2020, l-appellata bidlet il-verżjoni, u spjegat li mill-€20,000 hija kienet xtrat karozza, u ħallset lura €5,000 dejn li kellha ma' missierha u €5,000 dejn li kellha ma' oħtha. L-appellant qal li waqt is-seduta tat-30 ta' Ottubru, 2020, l-appellata għal darb'oħra bidlet il-verżjoni tagħha, u qalet li missierha kien sellifha €10,000 u mhux oħtha. Missier l-appellata wkoll qal li huwa kien silef lil bintu €10,000 qabel iżżewġet, li minnhom €7,000 inġibdu mill-bank filwaqt li €3,000 kienu tahomlha mill-flus li kien iżomm id-dar. Missier l-appellata xehed li l-appellata kienet tatu €10,000 mill-flus li daħħlet meta biegħet id-dar tagħha. L-appellant qal li minn dan għandu jirriżulta li l-appellata tat xejn anqas minn tliet verżjonijiet differenti meta ġiet biex tispjega x'għamlet bl-€20,000 li ġibdet mill-kont tagħha mal-APS.

9. L-appellant qal li min-naħa tiegħu huwa ma jistax jemmen l-aħħar verżjoni mogħtija mill-appellata, għaliex din il-verżjoni tikkontradixxi ferm il-verżjonijiet mogħtija minnha qabel. Kompla jgħid li għajr għax-xhieda ta' missier l-appellata, hija ma ressqet l-ebda prova li missierha kien fil-fatt sellifha €10,000, u minkejja l-prova tal-i*statement* bankarju li juri li l-missier, Alfred Scicluna, kien fil-fatt ġibed €7,000 mill-kont tiegħu fis-26 ta' Jannar, 2015, m'hemm l-ebda prova oħra li dawn il-flus, flimkien ma' €3,000 oħra, kienu għaddew għand l-appellata. L-appellant qal li lanqas prova li l-appellata raddet €10,000 mill-bejgħ tad-dar matrimonjali lil missierha ma nġabet, bħal ma kienet tkun, per eżempju, kopja tal-*istatement* bankarju li turi li missierha fil-fatt iddepożita dawn il-flus fil-kont bankarju tiegħu. L-appellant kompla jgħid li l-verżjoni ta' missier l-appellata li din ħallsitu €10,000 mill-bejgħ tad-dar matrimonjali m'hija xejn kredibbli, u dan għaliex l-iżbank ta' dawn il-flus sar mill-kont tal-appellata aktar minn tmien xhur wara li din biegħet id-dar tagħha. L-

appellant qal li filwaqt li l-appellata biegħet id-dar tagħha fil-5 ta' Diċembru, 2017, hija żbankat is-somma ta' €19,900 mill-kont tal-APS fit-13 t'Awwissu, 2018, jiġifieri ftit aktar minn xahrejn wara li hija daħħlet l-applikazzjoni tagħha għall-Għajnuna għal Mard. L-appellant qal li l-fatti kif ġraw jisilfu kredibbilità lit-teżi li l-appellata fil-fatt ippruvat taħbi dawn il-flus.

10. L-appellant qal li fil-fehma tiegħu l-appellata qiegħda tuża skuża frivola sabiex tiġġustifika r-raġuni wara l-ammont eżorbitanti li hija ġibdet mill-kont tagħha, u l-appellata baqgħet ma ressqet l-ebda prova konvinċenti u univoka sabiex tiġġustifika għal liema raġuni hija ġibdet dawn il-flus mill-kont bankarju tagħha. L-appellant kompla jgħid li huwa ma setax jifhem għal liema raġuni l-Arbitru għażel li jemmen it-teżi tal-appellata, u dan partikolarment meta huwa stess irrimarka dwar l-ineżattezzi fil-verżjonijiet mogħtija mill-appellata. L-appellant qal li l-Arbitru kien żbaljat ukoll meta kkonsidra li l-appellata xtrat il-karozza tagħha tliet ijiem wara li kienet żbankat is-somma ta' €19,900 mill-kont tagħha, għaliex mill-fattura maħruġa minn Ventur Motor Centre u mil-*logbook* tal-vettura in kwistjoni, għandu jirriżulta li din il-vettura nxtrat mill-appellata sena u tliet ijiem wara li żbankat dan l-ammont konsiderevoli mill-kont bankarju tagħha. L-appellant ipprovda *time-line* ta' kif allegatament seħħew uħud mill-fatti: (1) fit-13 t'Awwissu, 2018 l-appellata ġibdet l-ammont ta' €19,900 mill-kont tagħha mal-APS; (2) fil-15 ta' Ottubru, 2018 l-appellata applikat għall-Għajnuna għal Mard; (3) fit-23 ta' Jannar, 2019 id-Direttur Ġenerali appellant informa lill-appellata li t-talba tagħha kienet qiegħda tiġi rifjutata; (4) fit-23 ta' Mejju, 2019 l-appellata appellat mid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali quddiem l-

Arbitru; (5) fis-16 t'Awwissu, 2019 l-appellata xtrat il-vettura in kwistjoni mingħand Ventur Motor Centre.

11. L-appellant qal li dan ifisser li fil-ġurnata meta l-appellata applikat għall-Għajnuna għal Mard hija kienet għadha ma xtratx il-karozza in kwistjoni, għaliex din il-vettura nxtrat għaxar xhur wara li hija kienet applikat għall-Għajnuna, u ferm wara li hija kienet appellat mid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali fejn dan ċaħad it-talba tagħha għall-Għajnuna. L-appellant qal li mir-rendikonti bankarji ppreżentati ma jirriżultax li l-ammont ta' €9,800 li l-appellata ħarġet biex xtrat il-karozza ġie żbankat mill-kontijiet bankarji tagħha, u għalhekk jista' jagħti l-każ li hija ħallset bi flus kontanti biex xtrat il-karozza tagħha, li jfisser li meta l-appellata applikat għall-Għajnuna għal Mard, hija kellha flus kontanti apparti flus fil-kontijiet bankarji tagħha. L-appellant qal li kieku huwa kellu jaċċetta t-teżi li l-appellata ħallset lura d-dejn ta' €10,000 li kellha ma' missierha, għandu jirriżulta ċar li fil-mument li hija applikat għall-Għajnuna għal Mard, jiġifieri fil-15 ta' Ottubru, 2018, hija kellha €11,995.73 fil-kont bankarju tagħha u €9,800 fi flus kontanti.

12. L-appellant qal li għall-finijiet ta' intitolament għall-Għajnuna għal Mard, iridu jiġu kkonsidrati l-flus fil-bank u fl-idejn tal-persuna li tkun qiegħda tapplika għal din l-għajnuna, u fid-determinazzjoni dwar jekk l-appellata hijiex eliġibbli għall-għajnuna li applikat għaliha, huwa kellu jqis ukoll il-flus li bihom hija xtrat il-karozza tagħha. Qal li huwa ċar li l-appellata kellha dawn il-flus f'idejha, għaliex kieku hija ma kinitx tkun f'pożizzjoni li tixtri l-karozza tagħha. Qal li għalhekk għandu jirriżulta li fil-ġurnata meta l-appellata applikat għall-Għajnuna għal Mard, jiġifieri fil-15 ta' Ottubru, 2018, hija kellha kapital ekwivalenti għal

€21,795.73 (€11,995.73 + €9,800), u f'din iċ-ċifra huwa mhuwiex jinkludi l-€10,000 li l-appellata ħallset lura lil missierha. L-appellant qal ukoll li l-appellata naqset ukoll milli tispjega kif hija nefqet is-somma ta' €2,352.91 li hija żbankat mill-kont tagħha tal-BOV fid-9 ta' Diċembru, 2017, u meta wieħed jikkonsidra dan kollu, wieħed faċilment jasal għall-konklużjoni li l-appellata kellha kapital li jeċċedi l-massimu ta' €14,000 stabbilit mil-liġi meta applikat għall-Għajnuna għal Mard.

13. L-appellant qal ukoll li l-aġir tal-appellata ma kienx wieħed siewi, meta proprju għaxar xhur wara li hija applikat għall-Għajnuna għal Mard, jiġifieri fis-16 t'Awwissu, 2019, hija għażlet li tixtri karozza sabiex tipprova tiġġustifika l-mod ta' kif hija nefqet is-somma ta' €19,900 li hija ġibdet mill-kont bankarju tagħha fit-13 t'Awwissu, 2018. Qal li l-appellata fil-fatt xtrat il-karozza tagħha wara li d-Direttur Ġenerali appellant kien iddetermina li hija ma kinitx eliġibbli għall-Għajnuna Medika. Kompla jgħid li f'każ li l-appellata verament kienet fil-bżonn ta' din l-Għajnuna, din kellha tieħu ħsieb il-flus li kellha f'idejha u mhux tberbaqhom, sabiex imbagħad fl-istadju tal-proċeduri quddiem l-Arbitru tkun f'pożizzjoni li tiġġustifika t-talba tagħha għall-Għajnuna Medika. L-appellant qal li din l-imġiba da parti tal-appellanta mhijiex waħda ta' *bonus paterfamilias,* għaliex hija kellha tosserva u tħares bir-reqqa l-patrimonju tagħha, billi f'każ bħal dan hemm involut l-interess tal-komunità in ġenerali u ta' dawk kollha fis-soċjetà li jġorru fuq spallejhom il-piż tat-taxxi u tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.

14. Finalment l-appellant qal li huwa mhux f'pożizzjoni li jittollera abbużi, u huwa għalhekkk li ntavola dan l-appell.

**Ir-Risposta tal-Appell**

15. Fir-risposta tal-appell tagħha, l-appellata qalet li d-deċiżjoni tal-Arbitru tat-22 ta' Ottubru, 2021 għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha, għaliex tali deċiżjoni ngħatat wara li sar studju meqjus u bir-reqqa tal-fatti tal-każ. Qalet li hija kienet ġenwina fil-pożizzjoni tagħha u anki kkoperat bis-sħiħ biex toħroġ il-verità dwar it-talbiet tagħha. L-appellata qalet li s-sitwazzjoni tagħha hija waħda pjetuża, u l-appellant jidher li mhuwiex jikkonsidra li dan hu każ ta' persuna li għaddiet u li għadha għaddejja minn kundizzjoni medika serja, fl-istess waqt li qegħda ġġorr l-obbligi tagħha bħala omm, li trid tgħix bl-inqas mezzi possibbli, filwaqt li kompliet tonora l-obbligi tagħha. L-appellata qalet li meta l-appellant b'mod indifferenti ċaħad it-talba tagħha għall-Għajnuna Medika, hija ma kellha l-ebda triq oħra għajr li tappella għaliex hija kienet fi stat ta' bżonn.

16. Kompliet tgħid li minkejja li hija stqarret li l-flus intużaw minnha biex ħallset id-dejn li kellha ma' missierha u ma' oħtha, id-Direttur Ġenerali appellant għażel li ma jemminx il-verżjoni tagħha, u minflok allega li kien hemm qerq. L-appellata staqsiet għal liema raġuni l-appellant għażel li ma jemminx il-verżjoni tagħha li hija ġiet mgħejuna minn membri tal-familja tagħha, liema għajnuna hija kellha trodd lura, kif kien mistenni minnha. Qalet li s-sitwazzjoni taż-żwieġ tagħha ma kienet xejn feliċi, u l-ex-raġel tagħha ħoloq ħafna inkwiet għaliha u għal bintha, tant hu hekk li kien hemm il-ħtieġa li huma jgħixu mifrudin minn xulxin. Qalet ukoll li din is-separazzjoni ġabet problemi emozzjonali, psikoloġiċi u finanzjarji għaliha u għall-familja tagħha. Qalet ukoll li preżentement hija qiegħda ssofri minn tumur f'rasha, u minħabba f'hekk hija kellha tieqaf mill-impjieg tagħha ma' kumpannija privata. L-appellata qalet li minħabba f'din is-

sitwazzjoni hija jkollha tixtri ħafna mediċini li mhumiex irħas, u kellha bżonn wkoll ta' diversi operazzjonijiet. L-appellata qalet li hija tixtieq tgħix ħajja indipendenti u li ma tkunx tiddependi fuq in-nies, filwaqt li anki l-membri tal-familja tagħha għandhom il-limiti tagħhom. L-appellata temmet tgħid li l-appellant qiegħed ikun indifferenti għall-bżonnijiet tagħha, b'tali mod li dan jista' jitqies li qiegħed imur ukoll kontra l-prinċipji tal-ġustizzja soċjali.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

17. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellant, li ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Arbitru, għaliex dan naqas milli jagħmel apprezzament tajjeb tal-provi li kellu quddiemu, kif ukoll naqas milli japplika l-liġi b'mod korrett.

*L-ewwel aggravju:* *[apprezzament ħażin tal-provi]*

18. L-appellant qal li l-Arbitru ta aktar piż lill-verżjoni li tat l-appellata, u dan wara li l-Arbitru stess ikkonsidra li din tat diversi verżjonijiet konfliġġenti, u ma kinitx kredibbli fix-xhieda li tat dwar min mill-membri tal-familja tagħha kien silifha l-flus u kemm kienu l-ammonti li ssellfet. Dan sabiex l-appellata spjegat fhiex kienet nefqet parti konsiderevoli mill-kapital li mess lilha wara l-bejgħ tad-dar matrimonjali tagħha u ta' żewġha. L-appellant qal li fil-verżjoni oriġinali tagħha, l-appellata qalet li hija kienet qabdet l-ammont ta' €20,000 u tathom lil oħtha u kienet għaddiet €3,000 lill-ġenituri tagħha għaliex skont hi, dawn ukoll kienu sellfuha l-flus. F'verżjoni sussegwenti l-appellata qalet li mill-€20,000 li

nġibdu minnha mill-kontijiet bankarji tagħha, hija kienet raddet lura total ta' €10,000 lil missierha u lil oħtha, €5,000 kull wieħed, filwaqt li nefqet €10,000 fix-xiri ta' karozza. Missier l-appellata meta xehed quddiem l-Arbitru, ikkonferma li huwa kien silef total ta' €10,000 lil bintu l-appellata sabiex din setgħet tixtri d-dar matrimonjali tagħha, u bħala prova ta' dan ippreżenta kopja tal-*istatement* bankarju li juri li huwa kien ġibed €7,000 mill-kont bankarju tiegħu, u qal li lill-appellata kien taha €3,000 minn flus kontanti li kien iżomm.

19. Il-Qorti tqis illi fl-aħħar snin l-appellata għaddiet minn separazzjoni, u kaġun ta' hekk kellha tbiegħ id-dar matrimonjali tagħha, prattikament ftit tax-xhur wara li hi u żewġha kienu xtraw din il-proprjetà. Jirriżulta wkoll li ftit wara s-separazzjoni l-appellata mardet b'tumur, u għalhekk spiċċat fi stat fejn ma setgħetx tibqa' taħdem aktar, u din is-sitwazzjoni wasslitha biex tagħmel applikazzjoni mad-Direttur Ġenerali appellant għall-Għajnuna għall-Mard. Kif inhu magħruf, sabiex persuna tkun eliġibbli għal din l-Għajnuna, hija ma jridx ikollha kapital li jeċċedi l-€14,000. L-appellant qiegħed jallega li l-appellata ddisponiet mill-kapital li mess lilha wara l-bejgħ tad-dar matrimonjali, sabiex tkun tista' titqies li hija eliġibbli għal din l-Għajnuna. L-appellant sejjes is-suspetti tiegħu dwar dan fuq il-fatt li ma nġabet l-ebda prova li missier l-appellata ddepożita l-ammont ta' flus li l-appellata qiegħda tgħid li radditlu lura, u fuq il-fatt li l-appellata ġibdet l-ammont ta' €20,000 mill-kontijiet bankarji tagħha aktar minn tmien xhur wara li biegħet id-dar matrimonjali tagħha, u għalhekk jirriżulta li din ħadet il-ħin tagħha biex ħallset dak li kellha tagħti lill-membri tal-familja tagħha.

20. Jirriżulta li fit-13 t'Awwissu, 2018 l-appellata ġibdet l-ammont ta' €19,900 mill-kont bankarju tagħha mal-APS, u fil-15 ta' Ottubru, 2018, madwar xahrejn wara, hija applikat għall-Għajnuna għal Mard. Ftit wara, fit-23 ta' Jannar, 2019, id-Direttur Ġenerali appellat infurmaha li t-talba tagħha għall-Għajnuna kienet qiegħda tiġi rifjutata. Fis-16 t'Awwissu, 2019, l-appellata xtrat karozza, bi flus li allegatament inġibdu mill-kont bankarju tagħha sena u tliet ijiem qabel. Il-Qorti tgħid dan għaliex l-appellata, f'waħda mill-verżjonijiet li tat, spjegat li l-€20,000 li nġibdu mill-kontijiet tagħha f'Awwissu tal-2018, intefqu minnha biex raddet lura flus li kienet issellfet mingħand membri tal-familja tagħha, kif ukoll sabiex xtrat din il-karozza. Jirriżulta wkoll li din il-vettura nxtrat wara li l-appellata kienet diġà ġiet mgħarrfa bid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant li t-talba tagħha għall-Għajnuna Medika kienet qegħda tiġi rifjutata, u fi żmien meta l-każ tagħha kien għadu qiegħed jinstema' quddiem l-Arbitru.

21. Il-Qorti filwaqt li tissimpatizza mal-appellata għas-sitwazzjoni verament pjetuża li sabet ruħha fiha, ikollha tirrimarka li kif jidhru l-affarijiet, fiż-żmien meta l-appellata applikat għall-Għajnuna għal Mard, jiġifieri fil-15 ta' Ottubru, 2018, l-appellata kellha f'idejha kapital li jeċċedi l-limitu ta' €14,000 stipulat mil-liġi. Dan għaliex minkejja li fil-kontijiet bankarji tagħha l-appellata kellha total ta' €11,995.73, hija kellha wkoll mal-€10,000 fi flus kontanti, li ftit tax-xhur wara intużaw minnha sabiex hija xtrat il-karozza tagħha, ladarba mix-xhieda tal-appellata u mill-provi prodotti ma jirriżultax li l-appellata kellha tiġbed mill-kontijiet bankarji tagħha biex xtrat il-karozza. Hawn il-Qorti jkollha taqbel mal-pożizzjoni tad-Direttur Ġenerali appellant, illi ladarba l-appellata kienet taf li t-talba tagħha għall-Għajnuna Medika ma kinitx ġiet milqugħha, u l-każ tagħha kien qiegħed quddiem l-Arbitru għall-konsiderazzjoni tiegħu, l-infiq ta' €10,000

fix-xiri ta' vettura jindika nuqqas ta' ħsieb u għaqal min-naħa tagħha. Il-Qorti ma tistax twarrab lanqas il-fatt li l-appellata ma kinitx konvinċenti fl-ispjegazzjonijiet tagħha dwar il-mod kif hija nefqet l-ammont ta' €20,000, li ċertament mhux wieħed żgħir, u li kien hemm inkonsistenzi kbar fl-ammonti li hija tgħid li raddet lura lill-membri tal-familja tagħha. Huwa mistenni minn persuna li tkun isselfet l-ammont ta' €20,000 minn għand xi ħadd, li tkun kapaċi tipprova dan, jew almenu tkun aktar preċiża fl-ammonti li ssellfet u b'liema modalità hija ħallset lura.

22. Il-Qorti tfakkar li fis-soċjetà tagħna hemm il-ħtieġa li kull min jiġi bżonn l-għajnuna soċjali, partikolarment minħabba mard, isib dak kollu li jeħtieġ u li l-Istat jieqaf miegħu. Iżda wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li l-benefiċċji soċjali li jitħallsu mill-Istat huma piż kollettiv li qiegħed jinġarr minn kull min f'dan il-pajjiż jaħdem u jħallas it-taxxi, u għalhekk id-Direttur Ġenerali appellant irid ikun ferm prudenti u kawt fil-mod kif jevalwa t-talbiet li jkollu quddiemu. F'dan il-każ mill-provi jirriżulta li l-appellant kien korrett fl-assessjar tiegħu meta qies li dakinhar li l-appellata applikat għall-Għajnuna għal Mard, din kellha kapital li jeċċedi l-€14,000 bejn flus f'idejha u depożiti bankarji. Għaldaqstant tqis li l-ewwel aggravju tal-appellant huwa mistħoqq, u tilqgħu.

*It-tieni aggravju:* *[L-Arbitru naqas milli japplika l-liġi b'mod korrett]*

23. L-appellant isostni li l-Arbitru applika l-liġi b'mod żbaljat, u dan għaliex naqas milli jikkonsidra li l-appellata kellha kapital li jeċċedi l-limitu stabbilit mil-liġi dakinhar li applikat għall-Għajnuna Medika. Jirriżulta li dakinhar li l-appellata applikat għall-għajnuna, din kellha ammont konsiderevoli ta' flus għad-

dispożizzjoni tagħha li ppermettielha tixtri vettura ta' ċertu valur, aktar minn għaxar xhur wara li l-appellata applikat għall-Għajnuna Medika, jindika li l-appellant kien korrett fil-konsiderazzjoni tiegħu li aktarx li l-appellata ddisponiet minn kapital li kellha sabiex din titqies eliġibbli għall-għajnuna li applikat għaliha. Huwa għalhekk li din il-Qorti tqis li anki dan l-aggravju huwa ġustifikat, u tilqgħu.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell tal-appellant billi tilqgħu, tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru fit-22 ta' Ottubru, 2021, u konsegwentement tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tat-23 ta' Jannar, 2019.**

**In vista taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, l-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**